

Brussell, 2 ta' Ottubru 2025  
(OR. en)

13144/25  
PV CONS 46  
AGRI 441  
PECHE 281  
*PARLNAT*

**ABBOZZ TA' MINUTI**  
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA  
**(Agrikoltura u Sajd)**  
22 u 23 ta' Settembru 2025

**1. Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 12847/25 + COR 1

**2. Approvazzjoni ta' punti "A"**

**a) Lista mhux leġislattiva**

12941/1/25 REV 1

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

**b) Lista leġislattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

12942/25

**Agrikoltura**

**1. Regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1026/2012 dwar miżuri kontra pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli**



11677/25  
PE-CONS 19/25  
PECHE

*Adozzjoni tal-att leġislattiv*

approvat mill-Coreper, Parti 1, fis-17.09.2025

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikoli 43(2) u 207 TFUE), bid-Danimarka tastjeni.

**Ambjent**

**2. Regolament dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik**



12677/25 + ADD 1  
9047/25 + ADD 1  
ENV

*Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-*

*dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill*

approvat mill-Coreper, Parti 1, fis-17.09.2025

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill (bażi legali: l-Artikolu 192(1) TFUE), bil-Ġermanja tastjeni.

Dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

3. UE-Renju Unit: konsultazzjonijiet annwali dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-2026  
*Skambju ta' fehmiet* 12706/25
4. UE-Norveġja u stati kostali: konsultazzjonijiet annwali għall-2026  
*Skambju ta' fehmiet* 12711/25

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**

**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

5. **L-istabbiliment ta' kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Komuni tas-Sajd, il-Patt Ewropew għall-Oċeani u l-politika marittima u tal-akkwakultura tal-Unjoni 2028-2034**  12707/25  
*Preżentazzjoni mill-Kummissjoni* 11757/25  
*Dibattitu ta' orjentazzjoni* + COR 1  
+ COR 2 REV 1

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni, tal-kummenti tad-delegazzjonijiet u tat-tweġiba tal-Kummissjoni.

**AGRIKOLTURA**

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

6. **Proposti tal-PAK għal wara l-2027**
- i) **Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament ta' ffissar fir-rigward tal-iskema għall-iskejjel tal-UE**  11715/25
- Preżentazzjoni mill-Kummissjoni*  
*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-punt 6 i) ittieded flimkien mal-punti 6 ii) u 6 iii).

## Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

### 6. (kontinwazzjoni) Proposti tal-PAK għal wara l-2027

- ii) **Regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 (OKS) fir-rigward tal-iskema għall-iskejjel, l-interventi settorjali, is-settur tal-proteini, il-qanneb, l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni, id-dazji fuq l-importazzjoni, id-disponibbiltà tal-provvisti u l-garanziji**  11722/25 + ADD 1
- iii) **Regolament li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni taħt il-PAK**  11733/25 + ADD 1 + ADD 1 COR 1

*Preżentazzjoni mill-Kummissjoni  
Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-proposti għal politika agrikola komuni wara l-2027. Il-Kunsill kellu wkoll dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-proposti, u ħa nota tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

## Affarijiet oħra

### 7. Agrikoltura

- a) **Regola ta' diżimpenn għall-interventi għall-iżvilupp rurali fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK**  12836/1/25 REV 1  
*Informazzjoni mil-Latvja, appoġġata mill-Bulgarija, miċ-Ċekja, mill-Estonja, mill-Italja, mil-Litwanja, mil-Lussemburgu, mill-Polonja, mill-Portugall, mir-Rumanija, mis-Slovakkja, mis-Slovenja, minn Spanja u mill-Ungerija*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mil-Latvja, appoġġata mill-Bulgarija, miċ-Ċekja, mill-Estonja, mill-Italja, mil-Litwanja, mil-Lussemburgu, mill-Polonja, mill-Portugall, mir-Rumanija, mis-Slovakkja, mis-Slovenja, minn Spanja u mill-Ungerija. Ħa nota wkoll tar-reazzjonijiet tad-delegazzjonijiet.

- b) Relazzjonijiet kummerċjali mal-Ukrajna fil-kuntest taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA) bejn l-UE u l-Ukrajna**  12908/25  
*Informazzjoni mis-Slovakkja*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mis-Slovakkja dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali mal-Ukrajna fid-dawl taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva riveduta bejn l-UE u l-Ukrajna. Il-Kunsill ħa nota wkoll tar-reazzjonijiet tad-delegazzjonijiet.

- c) Il-kriżi tas-suq Ewropew tal-inbid**  12887/25  
*Informazzjoni mill-Ġermanja*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Ġermanja dwar il-kriżi tas-suq Ewropew tal-inbid u tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

- d) Eżiti ewlenin tal-44 Sessjoni tal-Konferenza tal-FAO (Ruma, 28 ta' Ġunju – 4 ta' Lulju 2025)**  12834/25  
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

**AGRIKOLTURA**

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

8. Kwistjonijiet agrikoli marbuta mal-kummerċ 12930/25  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*  
*Skambju ta' fehmiet*

**Affarijiet oħra**

**9. Agrikoltura**

- a) **Tifqigħat tad-deni tal-ħnieżer Afrikan (ASF) u ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni fl-Estonja**  12809/1/25 REV 1  
*Informazzjoni mill-Estonja, appoġġata miċ-Ċekja, mil-Lussemburgu u mis-Slovakkja*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Estonja, appoġġata miċ-Ċekja, il-Lussemburgu, is-Slovakkja u l-Ungerija u tal-kummenti tad-delegazzjonijiet. L-Ungerija esprimiet bil-fomm appoġġ għall-inizjattiva u talbet li din tiġi rreġistrata fil-minuti tal-Kunsill.

- b) **L-iżgurar ta' sustanzi bażiċi fil-protezzjoni tal-pjanti**  12864/25 + COR 1  
*Informazzjoni mill-Ġermanja, appoġġata mill-Awstrija, miċ-Ċekja, minn Franza, mil-Lussemburgu, mir-Rumanija, mis-Slovakkja, mis-Slovenja u mill-Ungerija*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Ġermanja, appoġġata mill-Awstrija, iċ-Ċekja, Franza, il-Lussemburgu, ir-Rumanija is-Slovakkja u s-Slovenja u l-Ungerija u tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

- c) **L-Istrategġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma**  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

 9932/25

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni u mill-Ġermanja, appoġġata mill-Awstrija, il-Bulgarija, l-Italja, il-Polonja u l-Portugall u l-Ungerija. Ħa nota wkoll tar-reazzjonijiet tad-delegazzjonijiet.

- d) **L-Istrategġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma -  
perspettiva agrikola**  
*Informazzjoni mill-Ġermanja, appoġġata mill-Awstrija,  
mill-Bulgarija, mill-Italja, mill-Polonja, mill-Portugall u  
mill-Ungerija*

 12950/1/25 REV 1

Il-punt 9 d) ġie indirizzat flimkien mal-punt 9c).

### Sajd

- e) **Il-ħtieġa ta' miżuri li jippermettu l-kaċċa bbażata fuq  
l-ekosistema tal-marguni, u ta' koordinazzjoni fost l-  
Istati Membri biex jittieħdu azzjonijiet għall-  
protezzjoni ta' stokkijiet sensittivi tal-ħut u għat-tisħiħ  
tal-bijodiversità**  
*Informazzjoni mill-Iżvezja, appoġġata miċ-Ċekja, mill-  
Estonja, mill-Finlandja, mill-Latvja, mill-Rumanija u mis-  
Slovakkja*

 12831/25

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Iżvezja, appoġġata miċ-Ċekja, l-Estonja, il-Finlandja, il-Latvja, ir-Rumanija u s-Slovakkja. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti mid-delegazzjonijiet u mill-Kummissjoni.



L-ewwel qari



Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni



Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

**Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġislattivi li jinsabu fid-dokument 12942/25**

**Dwar il-punt "A"**  
**nru 2:**

**Regolament dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex  
jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik**  
*Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-  
raġunijiet tal-Kunsill*

**DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA**

"L-Estonja tappoġġa l-għan ġenerali tar-Regolament li jipprevjeni t-telf tal-pellets tal-plastik fl-ambjent u jipproteġi l-ekosistemi u s-saħħa tal-bniedem. Madankollu nqisu li jeħtieġ nesprimu t-tħassib ta' hawn taħt.

Fil-prinċipju, l-Estonja ma tappoġġax l-introduzzjoni ta' regoli tad-dritt ċivili speċifiċi għas-setturi fil-leġislazzjoni tal-UE dwar is-suq intern, billi dawn id-differenzi jikkumplikaw bla bżonn is-sistema legali u jistgħu jwasslu għal sitwazzjoni fejn persuni, inkluż persuni jew negozji affettwati li joperaw f'setturi differenti, jiġu ttrattati b'modi differenti, li jista' jgħaliq problemi b'rabta mal-prinċipju ta' trattament ugwali mmanifestat fil-Kostituzzjoni tagħna. Dan japplika fir-rigward tar-regoli previsti fir-Regolament dwar il-perjodi ta' preskrizzjoni għat-talbiet għal kumpens minħabba ħsara għas-saħħa, li rriżultaw minn ksur tar-Regolament.

Għalkemm it-test attwali jgħid li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu perjodi ta' preskrizzjoni għal dawn it-talbiet għal kumpens, xorta waħda jipprovdi regoli obbligatorji speċifiċi rigward meta għandu jibda l-perjodu ta' preskrizzjoni. Dan ifisser li l-perjodu ta' preskrizzjoni għal talba għal kumpens minħabba ħsara għas-saħħa li tirriżulta mill-ksur tar-Regolament huwa differenti mill-perjodu ta' preskrizzjoni għal talbiet oħra għal kumpens minħabba ħsara għas-saħħa, li l-liġi Estonjana tistabbilixxi perjodu ta' preskrizzjoni uniformi għalihom, billi jitqies li l-vittmi m'għandhomx jiġu ttrattati b'modi differenti skont l-att illeċitu li jkun ikkawża l-ħsara għas-saħħa."

## DIKJARAZZJONI MIL-LATVJA

"Il-Latvja tappoġġa l-oġġettivi ewlenin tar-Regolament li jżied il-livell ta' protezzjoni ambjentali billi jiġi evitat it-tixrid ta' pellets tal-plastik mill-konteniment primarju matul l-immaniġġar ta' rutina, u b'hekk ir-riskju ta' tixrid jitnaqqas għall-aktar livell baxx possibbli. **Il-Latvja tista' tappoġġa l-pożizzjoni tat-test tal-Kunsill bil-ħsieb tal-adozzjoni.**

Fl-istess ħin, il-Latvja għad **għandha tħassib** dwar l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, jiġifieri **l-inklużjoni tat-trasport marittimu** fih.

Il-Latvja hija partikolarment imħassba li **ma kien hemm l-ebda valutazzjoni tal-impatt komprensiva** rigward l-inklużjoni ta' dan is-settur partikolari fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, l-**implimentazzjoni Prattika** tar-Regolament tista' tkun ikkumplikata, minħabba n-natura reġjonali tar-Regolament. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-OMI (MEPC.1/Circ.909) huma volontarji għall-Istati Membri kollha tal-OMI - huma għandhom id-dritt li jagħżlu jekk jimplimentawx dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Bl-adozzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-OMI f'dan ir-Regolament, l-Istati Membri kollha tal-UE ser ikollhom l-obbligu li jimplimentawhom b'mod obbligatorju.

Il-Latvja temmen li **din il-kwistjoni teħtieġ kunsiderazzjoni bir-reqqa fi ħdan l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI)**, bil-parteċipazzjoni attiva tal-partijiet ikkonċernati kollha (inkluż l-NGOs) fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Aħna tal-fehma li l-Istati Membri tal-UE għandhom jikkollaboraw fi ħdan il-qafas tal-OMI biex jippromwovu l-iżvilupp u l-adozzjoni f'waqthom ta' emendi għall-konvenzjonijiet tal-OMI li jindirizzaw b'mod effettiv il-kwistjoni dwar il-ġarr ta' pellets tal-plastik bil-baħar fuq skala dinjija."